**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 21 ta' Novembru, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Xuereb)**

**-vs-**

**Rodrick Sciortino, detentur ta' karta tal-Identita` numru 206990 (M); u**

**Daniel Kevin Wood, detentur ta' karta tal-Identita` numru 59236(A)**

*Kumpilazzjoni Nru. 578/2017*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Rodrick Sciortino u Daniel Kevin Wood u ċioè talli:

F'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta` Mejju, 2017, u fix-xhur ta` qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda -

1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta'

hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b'qerq ta' aktar minn hamest elef Euro (€5,000), ghad-dannu ta' Joseph Azzopardi ;

2. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` cekkijiet tal-Bank of Valletta plc., li jippartjenu lil Maria Stella Marmara', billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3. kif ukoll talli xjentement ghamlu uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

4. u aktar talli fil-Gzira, ikkommetew serq ta' cheque book tal-Bank of Valletta plc., li jippartjeni lil Maria Stella Marmara', liema serq huwa kkawlifikat bil-lok u sar ghad-dannu ta' l-istess Bank of Valleta plc. u ta' Maria Stella Marmara'.

5. u aktar talli fethu b'għemil doluż jew ġiegħlu li jinfetaħ xi oġġett postali li kellu jiġi kunsinnat, jew b'għemil doluż ghamlu xi att li bih il-kunsinna dovuta ta' oġġett postali, ma thallietx issir jew giet mdewwma milli ssir, jew ikkomunikaw jew ghamlu użu minn informazzjoni li kisbu minn oġġett postali li jkun ġie hekk miftuħ u dan ghad-dannu ta' Bank of Valletta plc, u ta' Maria Stella Marmara'.

Rat li l-prosekuzzjoni rtirat l-akkuzi numri erba (4) u hamsa (5);

Rat illi waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn dina l-Qorti, l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk riedu jergghu lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom (wara li -prosekuzzjoni rtirat l-ahhar zewg akkuzi, u cioe` dawk numru 4 u 5), u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Illi t-tieni akkuza serviet bhala mezz ai fini ghall-ewwel akkuza.

Illi fir-rigward tal-ewwel u tat-tielet akkuzi japplika l-principju ta' konkors formali ta' reati, bil-piena l-aktar severa tkun dik ravvizata bl-artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tan-natura serja tar-reati li jinsabu akkuzati bihom l-imputati, tal-ammissjoni taghhom, u tal-fedina penali taghhom li ma tohloq ebda preokkupazzjoni ghall-Qorti. Ittiehed konsiderazzjoni ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz partikolarment tal-fatt li b'sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Prim Awla, datata it-8 ta' Jannar, 2018, l-imputat Rodrick Sciortino gie kkundannat ihallas lill-parte leza Azzopardi l-ammont ta' €27,500, filwaqt li l-parte leza Marmara inghatat rizarciment.

Illi kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll il-parte civile wrew qbil li piena karcerarja ma tkunx idoneja fic-cirkostanzi, tenut kont li l-imputati jridu

jaghmlu tajjeb ghall-hsara minnhom kawzata billi jhallsu ammont sostanzjali ta' flejjes, liema hlas difficilment issir jekk jigu inkarcerati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-akkuzi numru 4 u 5, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 183, 184, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom, u tikkundannhom sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba snin millum.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil Daniel Kevin Wood jhallas lura lil-parte leza Joseph Azzopardi is-somma ta' €11,000 fi zmien tlett snin millum b'pagamenti mensili.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tordna lill-hatja jhallsu l-ammont ta' €476.59 kull wiehed rapprezentanti spejjez peritali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**